MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2014

Numru. 1281/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Dennis Theuma**

**VS**

**Jesmond Cassar, iben il-mejjet Emanuel u Mary nee' Veneziani, imwieled Tal Pieta' nhar is-7 ta' Ottubru, 1974, residenti fil-fond numru 6, Sqaq Numru 1, Pjazza San Gakbu, Zabbar, u bin-numru tal-karta tal-identita' 509274M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Jesmond Cassar** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta' Settembru, 2005:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (Dalmain pills) meta ma kinx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-

Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta l-imsemmi reati fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, club, jew centru taz-zaghzagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, jew ir-reat ikun jikkonsisti bil-bejgh, provvista, fl-amministrazzjoni jew f’li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil mara tqila, lil minuri, jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta’ kura jew ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, ai termini tal-Artikolu 22(2) sub inciz (ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi gew ezebiti l-Ordnijiet tal-Avukat Generali taht is-Sub Artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjonijiet (Kap 31) kif ukoll dik bis-sahha tas-Sub Artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) – Ordnijiet dawn biex dawn il-proceduri jitmexxew taht il-kompetenza tal-Qorti Kriminali.

Nonostante cio’, dawn il-proceduri qatt ma gew segwiti, u konsegwentement wara l-verbal ta’ din il-Qorti (folio 80), gew rinvijati l-atti u mahdum ‘l hekk imsejjah rinviju tal-hamest ijiem, u dan ai termini tal-Artikolu 432(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Konsegwentement, wara li nqrat l-akkuza bil-gurament u sar id-debita nterrogatorju, fejn l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi mressqa, gie wkoll verbalizzat mid-Difiza li kienet

qed tezenta lill-Prosekuzzjoni mill-htiega li ttella' mill-gdid il-provi gia' kollha migbura.

Il-Qorti ghalhekk, in ezami tal-akkuzi migjuba, ghaddiet biex tezamina l-provi ezistenti fl-atti processwali, considerando li gew ezebiti l-Kontro Ordnijiet taht il-Kap 31 u 101 (folio 83).

Gew ezebiti fl-atti l-fedina penali ta' Jesmond Cassar kif ukoll l-istqarrija minnu rilaxxata, mehuda din fis-sena 2005 – allura minghajr l-assistenza ta' konsulent legali. Hawn l-imputat kellu gia' tnejn u tletin (32) sena. Qalet il-Qorti li giet ezebita Lilha l-fedina penali tal-imputat, li dak iz-zmien kien fiha gia' hdax(11)-il pagna. Ma tqisx ghalhekk illi Jesmond Cassar kien xi persuna ta' xi vulnerabbilita' tant li seta' sofra xi pregudizzju matul it-tehid tal-istqarrija, ghalhekk tqis illi hija ammissibbli skont il-Ligi. Ghalkemm kif kien drittu fil-maggor parti ghazel illi ma jwegibx, qal illi kien lest illi jahlef li l-borza li gabru l-pulizija ma kinitx tieghu u semma' zewg persuni ohra – Whiteford u Spiteri mieghu, kif ukoll illi d-droga misjuba kienet impoggija fuq ghatba ta' bieb dejjaq, hafna bastun kollox (kif deskritt minnu).

Fir-rigward ta' din is-sejba, xehed l-**<u>Ufficjal Prosekutur Dennis Theuma</u>** li qal dak li gie rapurtat lilu. Ezebixxa l-istqarrija tal-imputat li ttiehdet billi dan inghata s-solita twissija u dan fil-presenza ta' PS 579 Micallef. Dan is-Surgent ikkonferma li kien xhud tal-istess stqarrija u li Jesmond Cassar gie moghti d-debita twissija mill-Ispettur. Ezebixxa wkoll l-Ufficjal Prosekutur sett ritratti mehuda minn PC 1153 Frederick Brincat – dawn mehuda fl-ufficju tieghu fil-konfront tal-borza bid-droga li allegatament rema.

Ikkonferma in kontro ezami li kif kienet xehdet SM 45 fiz-zmien tal-akkuzi in ezami, fix-shift id-Drug Squad kienu

jaghmlu ta’ spiss *surprise inspections* mad-Detox, haga “*run of the mill*”. Ikkonferma dwar dan li kienet infurmatu li Jesmond Cassar kien hdejn id-Detox fil-gurnata *de quo*.

Dwar l-incident per se, xehdet l-unika xhud okulari dak iz-zmien, il-Maggur Marisa Bartolo. Qalet illi waqt li kien qieghed isir ‘*raid*’ hdejn id-Detox, rat lil Jesmond Cassar l-imputat, ratu kif il-pulizija kienu sejrin lejn id-direzzjoni tieghu, inizzel idejh bil-mod u jitlaq xi haga hdejn saqajh. Gieghlitu jqum, gabret id-droga, u meta fethu dan, sabet fil-pakkett seba’(7) pakketti zghar suspettati droga. Gie arrestat l-imputat.

Spjegat aktar tard meta giet murija r-ritratti, li gharfet l-affarijiet li hi stess gabret wara li kien remiehom Jesmond. Gharfet ukoll it-tag u l-kitba rqieqa miktuba minnha stess.

In kontro ezami kkonfermat li fil-patrol li sar hdejn id-Detox dakinhar tal-akkuzi, ma kinitx wahidha, pero issa li kienet qed tixhed in kontro ezami hafna snin wara, ma kinitx tiftakar min kienu l-kollegi li kienu maghha.

Ikkonfermat li quddiem id-Detox ikun hemm solitament hafna nies, gieli ankie tletin (30) ruh. Ikkonfermat illi dakinhar tal-incident, l-imputat kien ma’ nies ohrajn, jew ahjar li kien hemm nies ohrajn hdejh.

Ikkonfermat li rat lill-imputat jarmi, anzi ziedet li rat id-‘droga’ niezla minn idejh, li ratu jixhet din mal-art. Ziedet illi ma kien hemm hadd qed jghattieh; illi hu - l-imputat, kien hdejn bieb ta’ hanut u li quddiemu ma kellu lil hadd. Ziedet tant kien hekk li kif waslu bil-karozza, rat lilu, tant illi baqghet sejra fuqu bla ma tat cans lil shabha, jinzlu mill-karozza.

Spjegat dettaljatament kif waslet ghad-Detox u li tant kellha vizjwali tajba li x'hin tizbokka mit-triq tat-telgha, tigi litteralment faccata tal-hanut li fil-bieb tieghu rat lill-imputat. Pero ma kinitx certa jekk l-imputat kinx fuq il-bankina hdejn il-bieb jew hiereg mill-hanut, stante li l-kontro ezami sar **snin** wara.

Dwar il-fatt jekk kinitx tiftakar li l-imputat kien rema, wiegbet illi kieku kellha dubju ma kinitx ser tasal sal-Qorti.

Dwar suggeriment ta' CCTV fil-lokalita', wiegbet illi dawn ma kinux jikkoncernawha f'xogholha. Ziedet illi ma kellhix ghalfejn tikkorabora dak li rat ghax kienet certa minn dan. Kienet certa mill-identita' tal-imputat, maghruf bhala t-Titu. Ikkonfermat dak illi kienet gia' qalet - illi kif l-imputat rahom sejrin fid-direzzjoni tieghu, ratu jnizzel bil-mod idejh u jitlaq xi haga hdejn saqajh. Gabritha mill-ewwel din il-haga, u sabet go fiha seba'(7) pakketti zghar.

Il-**Perit Alexei Pace**, nominat ghal dan l-iskop (folio 26), ikkonferma li l-post tad-Detox Centre u kkonkluda li kien skont il-Ligi f',,,,,, ta' mitt (100) metru cioe' ta' sitta u hamsin (56) metru, vide folio 44.

Ikkonkluda hekk:

"*Fir-rigward tal-post indikat lill-esponent mill-Prosekuzzjoni sabiex jigi kkunsidrat ghall-fini ta' distanza mill-post "A", hekk kif indikati lill-esponent waqt l-access fuq il-post fi Gwardamangia, jidher illi l-fond "Detox Centre" jinsab fic-cirku hekk kreat bir-ragg ekwivalenti ghad-distanza msemmija fil-parti 2(c) tal-akkuza odjerna, cioe' jaqa' fi jew gewwa d-distanza ta' mitt metru (100.0m) minn "A".*"

**Godwin Sammut**, minn naha tieghu kkonkluda hekk dwar id-droga misjuba:

"*Illi fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 161_09_01, instabet is-sustanza **Eroina**. Il-piz total tat-trab kien ta' **0.64 grammi** u l-purita' kienet ta' circa 30%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

**PC 1253 Frederick Brincat**, ikkonferma r-ritratti ezebiti bhala Dok DT a folio 38 bhala dawk minnu mehuda (vide folio 92).

Xehed minn jeddu l-**imputat Jesmond Cassar**. Qal illi dakinhar kien hdejn id-Detox u li kienu bejn ghoxrin (20) u hamsa u ghoxrin (25) ruh. Qal illi jiftakar li kienu mal-hajt. Kienu skondtu 'l fuq mill-hanut, hdejn id-Detox. Iddeskriva li kien hemm xebgha nies. Qal illi kienu qaqocca mdawrin u li hu kien mal-hajt wiccu 'l barra. Qal illi ra karozzi gejjin, minn wahda giet il-45 li marret ghal fuqu. Hawn kien qed jaghmel referenza ghal Marisa il-45. Xehed illi qaltlu "*Jesmond search*" (folio 124), u li hu wegibha li setghet tfittex. Qal illi lilu mhux suppost fittxitlu, illi resqet zewg passi lura u li sabet borza "qisha" – skondtu mal-art. Jghid illi din ma jafx x'kienet u li hu kien tminn (8) jew disa' (9) passi 'l boghod minnha. Mistoqsi fejn instabet il-borza, irrisponda li ma kinx jaf.

Qal hekk, li staqsietu "*Din tieghek?*"; li wegibha "*Tieghi? Ma hi tieghi xejn!* Ghidtilha nsomma ha noqoghdu nargumentaw, faccata hemm il-camera. Jiena ghidtilha issa aqbad u hu l-

camera jew inkella naghtik il-fingerprints jekk qed tghid illi huma tieghu” (folio 124).

Insista li dawn il-cameras jaghtu ma’ kullimkien. Qal illi meta marret fuqu il-45 hu baqa’ fejn kien, ma kellux ghalfejn jiccaqlaq. Zied illi fejn kien hu hemm hafna nies; kienu qaqocca ta’ xi ghoxrin (20), ghalkemm xi whud telqu, li forsi hdejh baqghu xi hmistax(15)-il ruh.

Ikkonferma li ma’ Marisa kellu hafna xi jghid qabel, u li anke ommu kellha kaz maghha. Cahad illi hu rema’ l-borza, insista li kellu jingab il-filmat tad-Detox. Insista li l-Maggur kienet qed tghid kelma b’ohra.

In kontro ezami xehed illi dakinhar tal-incident *de quo* kien mar ghall-methadone, li kien dak iz-zmien jiehu d-droga smack. Ma kinx pero jiftakar jekk dakinhar tal-incident kinx ha droga. Qal illi kienet ommu li kienet taghtieh il-flus dak iz-zmien, illi ma kellux xoghol fiss.

Mistoqsi minn fejn kien igib id-droga, l-ewwel xehed illi ma ridx iwiegeb imbaghad li ma kinx jiftakar. Insista li fil-fatt ma ridx jghid minn fejn, wara li l-Qorti gibditlu l-attenzjoni dwar il-gurament.

Insista li dakinhar kienu madwar hamsa u ghoxrin (25) ruh, u li l-camera kienet iggib kollox.

Qal illi meta kien ikollu l-flus ma kinx imur id-Detox, minflok kien imur jiehu d-droga, illi kien imur id-Detox biss meta ma kinx ikollu flus.

Issa qal illi ma kinx jiftakar f’xi persuni partikolari prezenti dakinhar li gie arrestat mill-Maggur 45. Wara qal illi ma kellux ghalfejn joqghod isemmi nies, allavolja kienu hemm. Insista li kellha tingab il-camera, cioe’ l-filmat.

Id-Difiza tellghet tixhed lil certu **Miriam Barbara** - dan fil-konfront tal-cameras li kien hemm hdejn id-Detox. Ikkonfermat li fi zmien Settembru, 2005, il-camera kienet f'dik il-lokalita' u li kienet topera. Qalet illi ma kellha ebda talba ghal filmat fid-data koncernanti, anzi li ma kinitx tiftakar b'tali request.

Ezebiet ritratti li kienu juru fejn kienet tkopri l-istess camera bhala Dok MB, ritratti li kienu titehdu l-gurnata ta' qabel. Qalet illi l-vizwali tal-camera baqghet l-istess mis-sena 2005, cioe' li l-camera baqghet fl-istess posizzjoni. In kontro ezami pero cahdet illi setghet tikkonferma dan, li cioe' l-camera kienet tahdem fis-sena 2005, precizamenet fis-17 ta' Settembru. Qalet illi bdiet tiehu hsieb il-camera fis-sena 2003, li fis-sena 2005 biddlet ir-rwol taghha fi hdan il-Guard and Warden, u regghet nizlet fl-istess xoghol fis-sena 2007.

Dwar ir-retention period tar-recording, qalet illi dan kien tlitt (3) ijiem; ukoll illi hi ma kinitx taf l-angolu tal-camera fis-sena 2005.

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok, qabel il-Qorti tezamina jekk fil-fatt hawn *si tratta o meno* tal-pussess aggravat, dak 'l imsejjah "*possession with intent*", jew kif imnizzel fil-Ligi (Kap 31) pussess ta' droga li "*nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv*", jinhtieg jigi l-ewwel stabbilit bhala fatt illi d-droga misjuba kienet fil-fatt fil-pussess ta' Jesmond Cassar. Dan bhala fatt huwa negat minn Cassar, *a tempo vergine* fl-istqarrija billi qal illi madwaru kien hemm zewg

persuni ohra maghrufa bhala Andy Whiteford u hu Melchior Spiteri. Jghid ukoll hawn illi d-droga misjuba kienet impoggija ghax hekk instabet go bieb dejjaq – dan frankament ma jaghmel ebda sens bhala difiza!

Jammetti ghall-pussess ta’ pilloli dak iz-zmien mahsuba Dalmain. L-analizi li saret fuq dawn il-pilloli skont ma xehed Godwin Sammut, tat rizultat fin-negattiv – ifisser dan illi dawn ma kinux skedati, allura jista’ minn issa jigi dikjarat illi Jesmond Cassar **mhux hati tat-tieni akkuza**.

Aktar tard, meta hafna snin wara – fis-sena 2012 (dawn l-akkuzi jirrisalu ghas-sena 2005, pero l-Kumpilazzjoni bdiet, minhabba difett fl-atti, fis-sena 2010), jghid illi ma kinx hu li rema l-borza (kontenenti d-droga), illi dan seta’ jigi kkonstatat minn CCTV camera, allura mill-filmat illi kien hemm hdejn id-Detox - dettall dan illi skappalu *a tempo vergine*. Minflok jghid illi l-Maggur 45 Marisa Bartolo kienet imqabbda mieghu, illi anke ommu kellha xi tghid maghha, illi kienu qaqocca nies allura ma setghetx tarah, u li issa ma ridx isemmi min kienu xi whud minn dawn in-nies.

Minn naha taghha Marisa Bartolo kienet ferm u ferm kategorika fir-rigward ta’ dak illi rat - illi rat lill-imputat bil-mod inizzel idu u jwaqqa’ minn idu dak l-istess oggett li hi gabret kif marret ghal fuqu. Xehdet illi dan gara kif l-imputat intebah bil-pulizija, stante li gew faccata ta’ xulxin. Baqghet insistenti anke in kontro ezami fuq il-fatt tal-pussess u sahqet illi ma kellhix ghalfejn ikollha korraborazzjoni ghax kienet certa minn dak li rat.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia qalet il-Qorti, Marisa Bartolo baqghet certa minn dak illi rat. Snin wara l-imputat ghalkemm neganti l-pussess, issa gab l-iskuza tas-CCTV – dan ukoll meta gia' kien jaf - ghax il-kumpilazzjoni bdiet wara sitt(6) snin, illi s-CCTVs ma gewx migbura.

Stranament dan qatt ma qalu fl-istqarrija meta kellu cans kbir jghid hekk. Lanqas qatt ma qajmu tul is-smiegh tal-kawza li dak iz-zmien kienet qed tinstema' (erronjament) b'mod sommarju.

Anke l-attitudni tieghu fuq il-pedana, fejn anke l-Qorti kellha tikkoregieh, hija ndikattiva ta' kemm hu veritjier!!

Illi ftit ghandha xi tghid izjed din il-Qorti, hlief illi bejn ix-xhieda tal-Maggur Marisa Bartolo u dik tal-imputat, tqis bla dubbju ta' xejn bhala veritjiera u rispekkjanti l-fatti okkorrenti dik ta' Marisa Bartolo – ghalhekk temmen illi fil-fatt id-droga misjuba ntefghet mal-art minn id l-imputat Jesmond Cassar.

Tghaddi issa l-Qorti stabbilit dan, sabiex tiddetermina jekk il-pussess kinx wiehed aggravat jew le. Certament instabu seba' (7) qratas illi rema l-imputat, seba' (7) qratas xejn anqas milli fil-vicinanzi tad-Detox. Thoss il-Qorti illi lanqas hemm ghalfejn wiehed ikompli tant jelabora fuq dan, ghaliex il-pussess mhux ghall-uzu eslussiv jista' barra l-ammont jigi

determinat ukoll mill-lokalita' li fih jinstab. Tqis illi d-Detox huwa post daqstant sensittiv, fejn jidhol l-ispacc tad-droga, daqs il-Habs.

Taghmel referenza hawn il-Qorti ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Krminali fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) vs Stephen Abela*" datata 18 ta' Awwissu, 2005:

"*Li stabilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero' trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap.101.*"

Gia' qalet il-Qorti li seba' (7) qratas hdejn id-Detox ma jaghtu ebda konfort. Apparti n-negazzjoni xejn emmnuta tal-imputat, l-unika difiza li ngabet hija c-CCTV films illi qatt ma ngabu, illi l-imputat tista' tghid illi holom bihom snin wara, meta hu kien tant familjari mal-akkwati tad-Detox, u kien ilu jaf b'din il-camera!

Il-Qorti, ukoll tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Nezren Grixti) vs Ninian Mangion*", datata 9 ta' Marzu, 2010, meta giet biex tikkalibra l-piena, qalet hekk:

"*……fil-kawza "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" fuq gja citata, "Jibqa' pero' il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma haddiehor jew addirittura ibieghha lil terzi….."*""

Tirritjeni l-Qorti li l-ammont ta' seba' (7) qratas hdejn id-Detox jikkostitwixxi dan il-periklu suriferut.

Ghaldaqstant il-Qorti, qieghda ssib htija fil-konfront ta' Jesmond Cassar fir-rigward tal-ewwel akkuza u dan wara li rat l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mill-effetti tat-tieni akkuza wara li rat ir-relazzjoni ta' Godwin Sammut (rizultanti Dalmain pillos mhux skedati);

Issib htija wkoll fil-konfront tal-aggravat tal-mitt(100) metru ai termini tal-Artikolu 22(2) (Proviso) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mill-effetti tar-recidiva in kwantu din qatt ma giet pruvata ghajr ghall-fedina penali ferm ikkulurita tal-imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli hawn imsemmija, kif ukoll l-Ewwel Skeda, Part II tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal piena karcerarja

effettiva ta’ tmintax(18)-il xahar u kif ukoll ghal multa ta’ elfejn Ewro (€2,000), u dan tenut kont terga’ tirritjeni, tal-pussess ta’ qratas fil-vicinanzi tad-Detox;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lil Jesmond Cassar ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal hames mija tnejn u sebghin Ewro u tmintax-il centezmu (€572.18)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------